# Għotjiet ta 'Ħelsien minn Kera COVID-19

Mistoqsijiet u tweġibiet

**Information in Maltese**

## X'inhi l-għotja ta' eżenzjoni mill-kera?

Il-Gvern Vittorjan stabbilixxa fond ta' $80 miljun bħala għajnuna fil-kiri għal nies li jikru d-dar tagħhom.

Il-fond huwa disponibbli għal Vittorjani li tilfu dħul minħabba l-pandemija tal-koronavirus (COVID-19).

Vittorjani li għandhom diffikultà biex iħallsu l-kera tagħhom jistgħu jkunu eliġibbli għal għotja ta' sa $3,000.

## Min hu eliġibbli għall-għotja ta' eżenzjoni mill-kera?

Biex tkun eliġibbli għall-għotja, ikollok bżonn:

- taqbel ma' tnaqqis fil-kera ma' sid il-kera tiegħek u rreġistra l-ftehim ta' kiri ġdid mal-Consumer Affairs Victoria. Jekk ma tistax tilħaq ftehim ma' sid il-kera tiegħek tista' tfittex għajnuna mill-Consumer Affairs Victoria
- id-dħul tiegħek għandu jkun inqas minn $1,903 fil-ġimgħa
- u jrid ikollok inqas minn $10,000 mfaddla.

M'hemm l-ebda rikjesti ta' ċittadinanza jew residenza permanenti għall-applikanti.

## Kif napplika għal għotja?

Jekk irreġistrajt il-ftehim ġdid tal-kiri tiegħek mal-Consumer Affairs Victoria, tkun tista' tapplika għal Għotja ta' Eżenzjoni mill-Kera (Rent Relief Grant) onlajn permezz ta' <https://rentrelief.covid19.dhhs.vic.gov.au/>.

## Għal xiex tista' tintuża l-għotja?

Jekk l-għotja tiegħek tkun ġiet approvata, il-ħlas isir direttament lil sid il-kera tiegħek bħala kreditu lejn il-pagamenti l-ġodda tiegħek ta' ftehim dwar il-kiri.

## Fejn nista' nsib aktar informazzjoni?

Għall-aħħar informazzjoni dwar l-Għotjiet ta' Eżenzjoni mill-Kera COVID-19, żur <https://www.housing.vic.gov.au/help-renting/rentrelief>

Biex tirreġistra l-ftehim ġdid tal-kiri tiegħek jew biex tfittex għajnuna mill-Consumer Affairs Victoria, żur

<https://www.consumer.vic.gov.au/resources-and-tools/advice-in-a-disaster/coronavirus-covid19-and-your-rights/renting-rules-and-support-during-the-moratorium>

Jekk għandek bżonn għajnuna minn interpretu b'xi parti mill-informazzjoni ta' hawn fuq, ċempel is-Servizz ta' Traduzzjoni u Interpretar (Translating and Interpreting Service) (TIS Nazzjonali) fuq 131 450.

Awtorizzata u ppubblikata mill-Gvern Vittorjan, 1 Treasury Place, Melbourne.

© Stat ta' Victoria, l-Awstralja, Dipartiment tas-Saħħa u Servizzi Umani (Department of Health and Human Services), Settembru 2020

VICTORIA State Government | Health and Human Services